31994R3378

L 366/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1994

IR-REGOLAMENT (KE) Nru 3378/94 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tat-22 ta' Diċembru 1994

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1576/89 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tax-xorb alkoħoliku u r-Regolament (KEE) Nru 1601/91 li jistabbilixxi regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-dekrizzjoni u l-preżentazzjoni tal-inbid aromatizzat, tax-xorb b'bażi ta' nbid aromatizzat u cocktails aromatizzati magħmula mill-prodotti tal-inbid wara r-Round ta' l-Urugwaj tan-negozjati multilaterali dwar il-kummerċ

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari, Artikoli 43 u 100a tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [1],

Waqt li jaġixxu b'mod konformi mal-proċedura msemmija f'Artikolu 189b tat-Trattat [2],

Billi r-Regolament (KEE) Nru 1576/89 [3] u r-Regolament (KEE) Nru 1601/91 [4] jistabbilixxu regoli ġenerali dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tax-xorb alkoħoliku, inbejjed aromatizzati, xorb b'bażi ta' inbid aromatizzat u *cocktails* aromatizzati magħmula mill-prodotti ta' l-inbid; billi sabiex dawn ir-Regolamenti iqisu l-obbligi li jirriżultaw, b'mod partikolari, minn Artikoli 23 u 24 tal-Ftehim dwar Aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-Kummerċ tad-Drittijiet dwar il-Proprjetà Intellettwali, li jifforma parti integrali mill-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet fihom li jippermettu lill-partijiet interessati biex iwaqqfu, skond ċerti kondizzjonijiet, l-użu illegali tad-deskrizzjonijiet ġeografiċi prottetti minn pajjiż terz li jkun membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal wara Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 1576/89:

"Artikolu 11a

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-persuni nteressati jkunu jistgħu jwaqqfu, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'Artikoli 23 u 24 tal-Ftehim dwar aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, l-użu ġewwa l-Komunità ta' deskrizzjoni ġeografika li tidentifika prodotti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament għal prodotti li ma joriġinawx fil-post li għalih issir referenza fl-isem ġeografiku in kwestjoni, inklużi każijiet meta l-oriġini attwali tkun indikata jew metad-deskrizzjoni ġeografika tingħata fi traduzzjoni jew tkun akkumpanjata b'espressjonijiet bħal 'xorta', 'tip', 'stil', 'imitazzjoni' jew oħrajn.

Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, 'deskrizzjoni ġeografika' għandha tfisser kull indikazzjoni li tidentifika prodott bħala li joriġina fit-territorju ta' pajjiż terz li huwa membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, jew f'reġjun jew lokalità ta' dak it-territorju, meta xi karatteristika speċjali tal-kwalità, tar-reputazzjoni jew xi karatteristika speċifika oħra ta' dan il-prodott jistgħu essenzjalment jiġu attribwiti għal dan l-oriġini ġeografiku.

---

(1) Opinjoni mogħtija fl-24 ta' Novembru 1994 (għada ma ġietx ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

(2) Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Diċembru 1995 (ĠU C 369, ta' l-24.12.1995, p. 1), Pożizzjoni komuni tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 1994 (għada ma ġietx ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew ta' l-15 ta' Diċembru 1994 (għada ma ġietx ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali*).

(3) ĠU L 160, tat-12.6.1989, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3280/92 (ĠU L 327, tat-13. 11. 992, p. 3).

(4) ĠU L 149, ta' l-14.6.1991, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE) Nru 3279/92 (ĠU L 327, tat-13.11.1992, p. 1.).

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika minkejja Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet l-oħra tal-leġislazzjoni Komunitarja li jistabbilixxu regoli dwar id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament.

3. Fejn ikun meħtieġ, għandhom jiġu adottati regoli dettaljati sabiex jiġi applikat dan l-Artikolu, b'mod konformi mal-proċedura stabbilità f'Artikolu 15."

2. L-Artikolu li ġej għandu jiddaħħal wara Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 1601/91:

"*Artikolu 10a*

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa sabiex il-persuni nteressati jkunu jistgħu jwaqqfu, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti f'Artikoli 23 u 24 tal-Ftehim dwar Aspetti li għandhom x'jaqsmu mal-Kummerċ tad-Drittijiet tal-Proprjetà Intellettwali, l-użu ġewwa l-Komunità ta' deskrizzjoni ġeografika li tidentifika prodotti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament għal prodotti li ma joriġinawx fil-post li għalih issir referenza fl-isem ġeografiku in kwestjoni, inklużi każijiet meta l-oriġini attwali tkun indikata jew metad-deskrizzjoni ġeografika tingħata fi traduzzjoni jew tkun akkumpanjata b'espressjonijiet bħal 'xorta', 'tip', 'stil', 'imitazzjoni' jew oħrajn.

Għall-iskopijiet ta' dan l-Artikolu, 'deskrizzjoni ġeografika' għandha tfisser kull indikazzjoni li tidentifika prodott bħala li joriġina fit-territorju ta' pajjiż terz li huwa membru ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, jew f'reġjun jew lokalità ta' dak it-territorju, meta xi karatteristika speċjali tal-kwalità, tar-reputazzjoni jew xi karatteristika speċifika oħra ta' dan il-prodott jistgħu essenzjalment jiġu attribwiti għal dan l-oriġini ġeografiku.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika minkejja Artikolu 11 ta' dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet l-oħra tal-leġislazzjoni Komunitarja li jistabbilixxu regoli dwar id-deskrizzjoni u l-preżentazzjoni tal-prodotti li jaqgħu taħt dan ir-Regolament.

3. Fejn ikun meħtieġ, għandhom jiġu adottati regoli dettaljati sabiex jiġi applikat dan l-Artikolu, b'mod konformi mal-proċedura stabbilità f'Artikolu 14."

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tissottometti kull sena lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' l-istrumenti fis-seħħ, appoġġati b'*data* ta' statistika approprjata.

Artikolu 3

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

2. Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 1996.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-22 ta' Diċembru 1994.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

K. HÄNSCH

Għall-Kunsill

Il-President

H. SEEHOFER